**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2022/2188(INI)**

19.7.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Frances Fitzgerald

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) konkluż bejn l-UE u r-Renju Unit jistabbilixxi arranġamenti preferenzjali f'oqsma bħall-kummerċ fil-merkanzija u s-servizzi, il-proprjetà intellettwali, il-kummerċ diġitali, it-trasport bit-triq u l-avjazzjoni, l-akkwist pubbliku, l-enerġija, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, is-sajd, il-kompetizzjoni, il-mobbiltà, l-investiment, il-kooperazzjoni tematika u l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE, flimkien ma' konċessjoni prudenzjali;

B. billi l-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-FKK jikkostitwixxu qafas komuni għar-relazzjoni tar-Renju Unit mal-UE; billi ż-żewġ ftehimiet intlaħaq qbil dwarhom u ġew ratifikati mill-UE u mir-Renju Unit u huma trattati legalment vinkolanti skont id-dritt pubbliku internazzjonali; billi l-FKK għandu kamp ta' applikazzjoni bla preċedent u huwa bbażat fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, issa rivedut mill-Qafas ta' Windsor;

C. billi l-FKK huwa ġustament mirfud minn dispożizzjonijiet li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; billi dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba biex jipprevjenu l-kompetizzjoni inġusta u jiżguraw li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit iżommu standards għoljin f'oqsma bħad-drittijiet tax-xogħol, il-protezzjoni ambjentali u l-għajnuna mill-Istat;

D. billi l-FKK ma jkopri l-ebda deċiżjoni relatata mal-ekwivalenza għas-servizzi finanzjarji, jew fuq l-adegwatezza tar-reġim tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, il-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi, jew ir-reġim sanitarju u fitosanitarju tar-Renju Unit;

E. billi l-fornituri tas-servizzi tar-Renju Unit, inkluż fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, m'għadhomx jibbenefikaw mill-qafas ta' "pajjiż tal-oriġini" jew mill-"passaportar", li jippermetti aċċess awtomatiku għas-suq uniku kollu tal-UE;

F. billi r-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali, bħal pereżempju għal avukati, kontabilisti u attwarji m'għadux japplika; billi, minflok, il-ftehim jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, inkluż l-istabbiliment ta' djalogu għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u għall-iżvilupp ta' linji gwida għall-valutazzjoni tal-kwalifiki; jinnota d-diffikultajiet partikolari li dan joħloq fil-gżira tal-Irlanda;

G. billi skont il-FKK, il-fornituri ta' servizzi jew l-investituri mill-UE jenħtieġ li ma jiġux trattati b'mod inqas favorevoli mill-operaturi tar-Renju Unit fir-Renju Unit, u viċe versa; billi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni japplika għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi, inkluż il-forniment ta' servizzi, l-istabbiliment ta' negozji u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

H. billi skont il-FKK, baqgħet tinżamm il-possibbiltà ta' sekondar temporanju ta' impjegati b'livell għoli ta' ħiliet u ta' vjaġġi ta' negozju għal żmien qasir bejn l-UE u r-Renju Unit; billi dan jippermetti l-forniment transfruntier temporanju ta' servizzi minn professjonisti f'ċerti ċirkostanzi, bħal proġetti fuq terminu qasir jew xogħol ta' konsulenza; billi l-professjonisti xorta se jkollhom jikkonformaw mar-regolamenti rilevanti fil-pajjiż fejn qed jipprovdu s-servizzi;

I. billi s-swieq tal-akkwist pubbliku tar-Renju Unit jibqgħu miftuħa għall-offerenti tal-UE u viċi versa fuq bażi ugwali; billi ż-żewġ partijiet jeħtiġilhom jiżguraw li l-proċess tal-akkwist ikun ġust, trasparenti u miftuħ għall-kompetizzjoni; billi r-Renju Unit u l-UE qablu wkoll li jżommu l-impenji ta' akkwist eżistenti tagħhom skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO, li jkompli jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom għal negozji minn pajjiżi oħra;

J. billi l-UE u r-Renju Unit fil-preżent huma impenjati li jżommu kooperazzjoni regolatorja u superviżorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u dan l-approċċ kooperattiv għandu jkun il-pedament tar-relazzjonijiet fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit; billi l-Kummissjoni se testendi l-permess temporanju tagħha li jippermetti lill-banek u lill-maniġers tal-fondi tal-UE jużaw il-kmamar tal-ikklirjar tar-Renju Unit; billi fis-17 ta' Mejju 2023 il-Kummissjoni adottat abbozz ta' Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn ir-Renju Unit u l-UE dwar il-Kooperazzjoni fis-Servizzi Finanzjarji, li ġie ppubblikat u approvat mill-Kunsill u issa ġie ffirmat mill-Kummissjoni f'isem l-UE;

K. billi l-Memorandum ta' Qbil jagħmilha ċara li l-UE u r-Renju Unit għandhom l-objettiv komuni li jippreżervaw l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri u tal-konsumatur,

L. billi l-FKK u l-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedu kundizzjonijiet ekwivalenti infurzabbli ta' kompetizzjoni, inkluż għall-għajnuna mill-Istat u l-istandards soċjali u ambjentali biex jiġi prevenut l-arbitraġġ regolatorju kontra l-interessi kemm ta' naħa u kemm ta' oħra;

M. billi l-Artikolu 774(3) tat-TKA jeskludi l-applikazzjoni tiegħu fit-territorju ta' Ġibiltà; billi n-negozjati ilhom għaddejjin mill-2021 bejn ir-Renju Unit u l-UE fir-rigward ta' Ġibiltà; billi l-Ftehim Politiku tal-25 ta' Novembru 2019 bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew u r-Renju ta' Spanja jistabbilixxi l-obbligu li kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa lit-territorju ta' Ġibiltà għandu jkollha l-qbil minn qabel min-naħa tar-Renju ta' Spanja;

N. billi skont il-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tibqa' fl-Unjoni Doganali u s-suq uniku tal-UE għall-merkanzija, filwaqt li hija wkoll parti minn ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz għal finijiet kummerċjali mal-bqija tar-Renju Unit; billi konsegwentement, il-Protokoll jirrikjedi li l-Irlanda ta' Fuq tibqa' allinjata ma' ċerti regoli u regolamenti tal-UE, inklużi dawk relatati mad-dwana, il-merkanzija u l-għajnuna mill-Istat; billi azzjonijiet preċedentament mhedda mir-Renju Unit biex titneħħa l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn fuq il-Protokoll, li għalihom il-Kummissjoni bdiet proċedimenti ta' ksur kontra r-Renju Unit, kienu jkunu qed jiksru l-FKK, b'mod partikolari fir-rigward tal-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq kif jinsab fl-Abbozz ta' Liġi tal-2022 dwar il-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq;

1. Jinnota li l-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji 2022[1], li jistabbilixxi qafas biex jiġu ssodisfati l-impenji internazzjonali tar-Renju Unit dwar il-kontroll tas-sussidji, inklużi dawk li jirriżultaw mill-FKK, irċieva Kunsens Irjali wara li għadda mill-Parlament tar-Renju Unit; jesprimi l-istess tħassib tal-Kummissjoni[2] dwar il-pjanijiet iddikjarati li jiġu introdotti l-hekk imsejħa portijiet ħielsa, li jistgħu jissograw li jiksru dawn l-impenji u jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat mhux permissibbli skont l-FKK[3]; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib, inkluż fir-rigward tal-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-attività kriminali, u tibda proċedimenti ta' ksur ulterjuri, jekk ikun meħtieġ;

2. Jenfasizza li, minkejja l-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji tal-2022, hemm bżonn li ssir aktar ħidma mill-awtoritajiet Brittaniċi sabiex jiġu ssodisfati bis-sħiħ l-impenji ta' sussidju skont l-FKK, inklużi regolamenti jew miżuri għal setturi speċifiċi; jinnota li r-Regolament tal-UE dwar is-Sussidji Barranin daħal fis-seħħ f'Lulju 2023[4];

3. Jinnota n-natura limitata tal-FKK fir-rigward tas-servizzi finanzjarji; jirrikonoxxi l-fatt li dan in-nuqqas huwa konsegwenza tax-xewqa tar-Renju Unit li ma jiddiskutix oqsma oħra ta' interess reċiproku bħala parti min-negozjati tal-FKK; jilqa' l-pjanijiet biex jiġi stabbilit Forum Regolatorju Finanzjarju konġunt bejn l-UE u r-Renju Unit biex jiġu ffaċilitati d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' servizzi finanzjarji[5]; ifakkar li dan il-forum ma jikkostitwixxix parti formali mill-FKK u ma għandux jipprovdi l-istess livell ta' aċċess jew kooperazzjoni bħal ftehim komprensiv dwar is-servizzi finanzjarji;

4. Itenni li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza mhumiex diskrezzjonarji u ma jiffurmawx parti mill-FKK; jinnota wkoll id-deċiżjonijiet tar-Renju Unit dwar l-ekwivalenza fir-rigward tal-UE kif ukoll fir-rigward ta' pajjiżi oħra mhux tal-UE bħall-Iżvizzera, fejn ġie miftiehem status ta' rikonoxximent reċiproku; ifakkar li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-kumpaniji tal-UE f'termini ta' aċċess akbar għas-suq tar-Renju Unit, inkluż għas-settur bankarju, is-servizzi ta' ħlas, is-servizzi ta' investiment u l-assigurazzjoni; jinnota li l-UE tat status ta' ekwivalenza lir-Renju Unit f'qasam wieħed biss – kontropartijiet ċentrali – u fuq bażi ta' żmien limitat, li reċentement ġie estiż sal-2025; jitlob li jiġu kkunsidrati aktar deċiżjonijiet ta' ekwivalenza meta l-eżiti jkunu konsistenti mal-istandards u l-objettivi tal-UE; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni qabel kienet indikat li l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza għar-Renju Unit jistgħu jissoktaw ladarba jiġi miftiehem il-Memorandum ta' Qbil[6]; jinnota li minn Ottubru 2021 'il hawn, l-UE tat 22 deċiżjoni ta' ekwivalenza

[1] Legislation.gov.uk, "The Subsidy Control Act 2022: Chapter 23" (L-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji: Kapitolu 23), 28 April 2022.
[2] Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tas-Sħubija Kummerċjali tal-1 ta' Diċembru 2022.
[3] *The Financial Times*, "EU to raise concerns over UK's freeports scheme" (L-UE se ssemma' t-tħassib tagħha dwar l-iskema ta' portijiet ħielsa tal-UE), 30 ta' Novembru 2022.
[4] Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1).
[5] Reuters, "EU restarts work on EU-UK regulatory forum after Northern Ireland deal" (L-UE terġa' tibda taħdem fuq il-formu regolatorju UE-Renju Unit wara l-ftehim dwar l-Irlanda ta' Fuq), 8 ta' Marzu 2023.
[6] https://www.reuters.com/business/finance/britain-eu-edge-forward-with-financial-services-forum-plan-2021-02-23/.

lill-Istati Uniti meta mqabbla ma' waħda fil-każ tar-Renju Unit[7]; jirrikonoxxi li filwaqt li l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza huma prinċipalment tekniċi, fatturi politiċi usa' huma rilevanti, u jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza għandhom jittieħdu meta jkunu fl-interess tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddiskuti aktar deċiżjonijiet ta' ekwivalenza sabiex tipprovdi benefiċċji akbar għall-aċċess għas-suq, kemm għall-kumpaniji tal-UE kif ukoll għal dawk tar-Renju Unit;

5. Jinnota li l-"British Government's Future Regulatory Framework Review" (Rieżami tal-Qafas Regolatorju Futur tal-Gvern Brittaniku) u l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizzi u s-Swieq Finanzjarji li ġie ppubblikat sussegwentement[8], li jipproponi li jħassar, jissostitwixxi jew jemenda d-dritt tal-UE miżmum fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif ukoll li jiddelega responsabbiltà akbar lir-regolaturi tar-Renju Unit, juri x-xewqa li jiġu adottati regolamenti diverġenti minn dawk tal-UE fir-rigward tas-servizzi finanzjarji; jissottolinja li diverġenzi regolatorji eċċessivi jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kooperazzjoni finanzjarja bejn ir-Renju Unit u l-UE u jistgħu jimminaw il-flussi finanzjarji u l-attivitajiet ta' entitajiet finanzjarji; jilqa' l-progress reċenti tal-UE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, anke fejn dan jista' jirriżulta f'diverġenza regolatorja meta mqabbel mar-Renju Unit, inkluż fir-rigward tal-kriptovaluti, il-finanzjament sostenibbli, it-tassonomija, l-elenkar u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; jirrikonoxxi, madankollu, li r-Renju Unit u l-UE jistgħu jadottaw approċċi regolatorji differenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u mhux neċessarjament iżommu reġim regolatorju armonizzat; jappoġġja l-progress leġiżlattiv tal-UE f'dan il-qasam; jenfasizza, madankollu, il-benefiċċji ta' kooperazzjoni regolatorja futura u ta' involviment fl-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' standards internazzjonali;

6. Jinnota l-ambizzjoni tar-Renju Unit li jistabbilixxi ruħu bħala ċentru globali għall-finanzi diġitali u l-kriptoassi permezz ta' għadd ta' inizjattivi regolatorji u superviżorji; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żviluppat approċċ ikkoordinat u kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-kripto sabiex jiġu indirizzati u mmitigati b'mod effettiv ir-riskji għall-protezzjoni tal-konsumatur, l-integrità tas-suq u l-ħasil tal-flus, kif ukoll l-impatt ambjentali tagħhom, u sabiex jiġi pprevenut arbitraġġ regolatorju;

7. Jisħaq li f'ċerti oqsma bħar-rekwiżiti kapitali fis-settur bankarju, standards miftiehma internazzjonalment bħal dawk li joħorġu mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja jibqgħu l-linja bażi regolatorja;

8. Itenni li l-FKK joffri lill-UE opportunità biex tiżviluppa u ssaħħaħ l-infrastruttura u l-għarfien espert tas-servizzi finanzjarji tagħha sabiex tippromwovi l-kompetittività tal-intrapriżi, l-investiment, l-istabbiltà ekonomika u l-protezzjoni tal-konsumatur; jappoġġja bil-qawwa t-tlestija tal-unjoni tas-swieq kapitali u l-unjoni bankarja, abbażi ta' approċċ innovattiv, kompetittiv u li jħares 'il barra; jirrikonoxxi l-fatt li l-Belt ta' Londra għadha ċentru globali għas-servizzi finanzjarji b'firxa globali li jekk ikollu

---

[7] European Affairs Committee of the House of Lords (Kumitat tal-Affarijiet Ewropej tal-House of Lords), "1st Report of Session 2022–23: The UK-EU relationship in financial services (L-Ewwel Rapport tas-Sessjoni 2022-2023: Ir-relazzjoni tar-Renju Unit u l-UE fis-servizzi finanzjarji)", 23 June 2022.

[8] Il-Parlament tar-Renju Unit, "Financial Services and Markets Bill", 11 ta' Mejju 2023.

aċċess għalihom in-negozju tal-UE jista' jibbenefika[9]; jirrikonoxxi l-importanza ta' settur tas-servizzi finanzjarji b'saħħtu kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit, u jappoġġja l-isforzi biex jissaħħu l-infrastruttura u l-għarfien espert tas-servizzi finanzjarji tal-UE;

9. Jitlob li l-UE taħdem mas-sħab internazzjonali, inkluż ir-Renju Unit u ċentri finanzjarji globali ewlenin oħra, biex tippromwovi normi u standards komuni fis-settur tas-servizzi finanzjarji, sabiex tiffaċilita l-kummerċ transfruntier u tiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja;

10. Jappoġġja l-għanijiet tar-rieżami propost mill-Kummissjoni tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) fir-rigward tat-titjib tal-kapaċità u l-infrastruttura bbażati fl-UE fil-qasam tal-ikklirjar tal-euro; jinnota li l-Unjoni tiddependi ħafna minn ċerti Entitajiet tal-Ikklerjar minn Kontroparti Ċentrali ta' pajjiżi terzi[10]; jirrikonoxxi li l-maġġoranza tal-ikklirjar tal-euro li jseħħ barra mill-UE jirrappreżenta riskju strateġiku, inkluż għall-istabbiltà finanzjarja; jirrikonoxxi wkoll li kwalunkwe rilokazzjoni furzata tista' tissogra tfixkil, frammentazzjoni tas-suq, miżuri ta' ritaljazzjoni, telf ta' kompetittività u tnaqqis fil-likwidità; jistieden lill-koleġiżlaturi jappoġġjaw l-azzjoni f'dan il-qasam b'mod li jkun effettiv, proporzjonat u li ma joħloqx tfixkil u bil-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-ikklirjar tal-Unjoni; jappoġġja approċċ ibbilanċjat li jindirizza r-riskji strateġiċi, inkluż għall-istabbiltà finanzjarja tal-ikklirjar tal-euro barra mill-UE, filwaqt li jimminimizza t-tfixkil potenzjali għas-suq;

11. Jirrikonoxxi l-fatt li l-għan tal-Unjoni ta' awtonomija strateġika miftuħa m'għandux isir ostaklu għall-benefiċċji ta' sistema finanzjarja interkonnessa globalment; iwissi kontra r-riskji potenzjali ta' ffukar żejjed fuq l-awtonomija strateġika b'mod li jista' jwassal għal iżolazzjoniżmu jew protezzjoniżmu fis-settur finanzjarju, inkluż ir-riskju ta' tilwim kummerċjali u azzjoni ta' ritaljazzjoni;

12. Jappoġġja bis-sħiħ il-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE u r-Renju Unit f'oqsma relatati mal-affarijiet finanzjarji, ekonomiċi u monetarji li huma ta' interess reċiproku, inkluż l-indirizzar determinat tal-ħasil tal-flus internazzjonali u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi, l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet, l-indirizzar determinat tal-frodi doganali, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja globali;

13. Ifakkar li Ġibiltà hija meqjusa mill-Kummissjoni[11] bħala territorju li jbati minn

[9] Reuters, "London is top global finance centre but lags in key areas, says study"(Studju jgħid li Londra hija l-aqwa ċentru finanzjarju globali iżda għadha lura f'oqsma ewlenin), 27 ta' Jannar 2022.

[10] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2022 bit-titolu "Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokumenti Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni u Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2009/65/UE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 fir-rigward tat-trattament tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jiġi minn kontropartijiet ċentrali u r-riskju tal-kontroparti fuq tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklerjati ċentralment SWD(2022)0697 final.

[11] Ir-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/410 tad-19 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 fir-rigward taż-żieda tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Ġibiltà, il-Mozambique, it-Tanzanija u l-Emirati Għarab Magħquda mat-tabella I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 u t-tħassir tan-Nikaragwa, il-Pakistan u ż-Żimbabwe minn dik it-tabella. https://eur-lex.europa.eu/legal-

nuqqasijiet strateġiċi fis-sistema tagħha għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, li huma theddidiet serji għas-sistema finanzjarju tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet fil-ftehim mar-Renju Unit dwar Ġibiltà li jiggarantixxu standards tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ekwivalenti għal dawk tal-UE;

14. Jirrikonoxxi li r-rabtiet ekonomiċi mill-qrib bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq se jkomplu, minkejja li din tal-aħħar tkun parti minn pajjiż deżinjat bħala pajjiż terz; jappoġġja rikonoxximent ta' dawn ir-rabtiet ekonomiċi, inkluż fir-rigward tas-superviżjoni tat-tranżazzjonijiet bejn iż-żewġ ġuriżdizzjonijiet; jitlob miżuri li jiżguraw li tali rabtiet ma jiġux imfixkla minn xi bidla fl-oqfsa regolatorji jew legali, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi pprovduti lill-konsumaturi u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li ma jistgħux jieħdu vantaġġ mill-fatt li huma mobbli; jenfasizza l-importanza li jinżammu u jiġu żviluppati aktar rabtiet ekonomiċi mill-qrib u li jiġi minimizzat it-tfixkil wara l-Brexit, b'mod partikolari fir-rigward ta' din ir-relazzjoni;

15. Jirrikonoxxi li wara d-dħul fis-seħħ tal-FKK, għadd ta' ditti tas-servizzi finanzjarji bbażati f'Londra ħabbru l-intenzjonijiet li jistabbilixxu preżenza ġdida fl-UE u li jirrilokaw xi assi lejn l-UE, bi stimi li jissuġġerixxu li 44 % tal-akbar ditti tas-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit ħabbru pjanijiet li jċaqalqu xi persunal jew operazzjonijiet[12] għalkemm l-għadd ta' impjiegi li rrilokaw barra minn Londra s'issa huwa biss ta' 7 000 u ferm inqas mill-istimi inizjali ta' 75 000[13]; jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex ifittxu li jattiraw l-investiment kummerċjali wara l-Brexit; jinnota li għadd ta' bliet tal-UE kienu l-fokus ta' investiment fl-industrija tas-servizzi finanzjarji wara l-Brexit, inkluż Pariġi, Frankfurt, Amsterdam, il-Lussemburgu u Dublin; jinnota li l-"Peer review into the NCAs' handling of relocation to the EU in the context of the UK's withdrawal from the EU"[14] (Rieżami bejn il-pari dwar l-immaniġġjar min-naħa tal-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali tar-rilokazzjoni lejn l-UE fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE) tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) identifika xi nuqqasijiet fir-rigward ta' kif l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mmaniġġjaw il-proċess tar-rilokazzjoni; jirrimarka, f'dan il-kuntest, l-aħjar prattiki identifikati fir-rapport ta' rieżami bejn il-pari kif ukoll il-prinċipji speċifiċi għas-settur tal-ESMA dwar ir-rilokazzjonijiet mir-Renju Unit lejn l-UE27[15]; jilqa' l-monitoraġġ kontinwu min-naħa tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-prattiki superviżorji fil-valutazzjoni tar-

---

content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023R0410.

[12] Studju – "Recent trends in UK financial sector regulation and possible implications for the EU, including its approach to equivalence" (Xejriet riċenti fir-regolamentazzjoni tas-settur finanzjarju tar-Renju Unit u implikazzjonijiet possibbli għall-UE, inkluż l-approċċ tagħha għall-ekwivalenza), il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, id-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u tal-Kwalità tal-Ħajja, 8 ta' Frar 2023.

[13] EY, "EY Financial Services Brexit Tracker: Movement within UK financial services sector stabilises five years on from Article 50 trigger" (Monitur tal-EY dwar il-Brexit rigward is-Servizzi Finanzjarji: Il-moviment fi ħdan is-settur tas-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit jistabbilizza ħames snin wara l-iskattar tal-Artikolu 50), 29 Marzu 2022, Londra; Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tal-House of Lords, "1st Report of Session 2022–23: The UK-EU relationship in financial services" (L-Ewwel Rapport tas-Sessjoni 2022–23: Ir-relazzjoni Renju Unit-UE fis-servizzi finanzjarji), 23 ta' Ġunju 2022.

[14] ESMA42-111-7468, *Peer review into the NCAs' handling of relocation to the EU in the context of the UK's withdrawal from the EU* (Rieżami bejn il-pari dwar l-immaniġġjar min-naħa tal-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali tar-rilokazzjoni lejn l-UE fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE) (https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma42-111-7468_brexit_peer_review_report.pdf).

[15] ESMA71-99-526.

rilokazzjoni tal-kumpaniji lejn l-UE[16]; jisħaq fuq il-ħtieġa li titkompla l-ħidma biex titlesta l-Unjoni Bankarja u tiġi approfondita l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ħalli tiġi pprevenuta konċentrazzjoni ulterjuri ta' ċentri finanzjarji u jitgawdew il-benefiċċji tal-effiċjenzi ta' skala;

16. Ifakkar fl-impenn, fl-ewwel Dikjarazzjoni Konġunta li takkumpanja l-FKK, li jiġi ffirmat Memorandum ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni regolatorja fis-servizzi finanzjarji bejn l-UE u r-Renju Unit, li ma jkunx dokument legali iżda jipprovdi bażi għal impenn regolari u strutturat; jinnota li dan il-memorandum ġie ffinalizzat u adottat mill-Kummissjoni; jilqa' l-iffirmar b'suċċess ta' Memoranda ta' Qbil bilaterali bejn ir-regolaturi u s-superviżuri tal-UE u tar-Renju Unit kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, inkluż bejn il-Financial Conduct Authority (l-Awtorità tal-Kondotta Finanzjarja) u l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-ESMA, Memorandum ta' Qbil multilaterali mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti tal-UE u taż-Żona Ekonomika Ewropea; u Memoranda ta' Qbil individwali mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti[17];

17. Jilqa' l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kooperazzjoni fis-Servizzi Finanzjarji bejn l-UE u r-Renju Unit mill-Kummissjoni u t-Teżor tal-Maestà Tiegħu, li jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni regolatorja tas-servizzi finanzjarji, inkluż forum regolatorju ġdid; jilqa' l-proposta li l-forum jiltaqa' mill-inqas kull 6 xhur; jinnota, fost l-oħrajn, li l-forum jista' jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-kooperazzjoni regolatorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u jista' jinkludi l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar żviluppi regolatorji, l-iskambji ta' fehmiet dwar politiki, regoli u proċessi rispettivi li jikkonċernaw ir-reġimi ta' differiment, bħall-ekwivalenza, u d-djalogu dwar l-analiżijiet tar-riskju u l-impatti ekonomiċi potenzjali tal-miżuri proposti. jitlob li l-parteċipanti jibdew il-laqgħat tal-forum malajr kemm jista' jkun;

18. Jisħaq li dan il-forum jeħtieġlu jopera b'mod trasparenti bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kif xieraq; jinnota li, wara diversi snin ta' taqlib, l-istituzzjonijiet u l-investituri fl-UE u r-Renju Unit jeħtieġu ċarezza u ċertezza legali sabiex jieħdu deċiżjonijiet kummerċjali u jagħmlu l-investimenti;

19. Jisħaq li l-partijiet fil-forum għandhom jimpenjaw ruħhom bi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera biex jiżguraw li r-relazzjoni tkun kostruttiva u sostnuta mill-objettivi komuni tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur;

20. Jilqa' l-inklużjoni tal-skambji ta' fehmiet dwar deċiżjonijiet ta' ekwivalenza fi ħdan il-mandat tal-Forum dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja; jitlob li b'mod regolari tali kwistjonijiet jiġu diskussi u eżaminati, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi finanzjarji u ta' investiment, fl-interessi ta' aktar kummerċ u kooperazzjoni;

21. Jistieden lill-partijiet jużaw il-forum biex jidentifikaw u jindirizzaw it-theddid reċiproku għall-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur, biex jipprevjenu u jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll biex jindirizzaw l-iżviluppi ġodda

[16] https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma42-111-7468_brexit_peer_review_report.pdf.
[17] The Financial Conduct Authority (L-Awtorità tal-Kondotta Finanzjarja), "MoUs with European authorities in the areas of securities, investment services and asset management, insurance and pensions, and banking" (Memoranda ta' Qbil mal-awtoritajiet Ewropej fl-oqsma tat-titoli, is-servizzi tal-investiment u l-ġestjoni tal-assi, l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet, u l-banek), 4 ta' Jannar 2021.

u l-innovazzjonijiet fis-swieq, biex fejn ikun possibbli jippromwovu approċċ konsistenti;

22. Jinnota l-potenzjal li għandu l-forum li jipprovdi qafas għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn iż-żewġ partijiet fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji; jilqa' dan il-potenzjal u jitlob liż-żewġ partijiet jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv u b'bona fide;

23. Jitlob lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ fir-rigward tal-operat tal-forum u l-Memorandum ta' Qbil;

24. Itenni bil-qawwa l-importanza tal-protezzjoni tal-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fl-intier tiegħu u l-appoġġ għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq; ifaħħar il-fatt li ntlaħaq ftehim dwar il-Qafas ta' Windsor[18], li se jiżgura implimentazzjoni flessibbli iżda effettiva tal-Protokoll dwar l-Irlanda ta' Fuq u rispett għall-Ftehim ta' tal-Ġimgħa l-Kbira, filwaqt li jissalvagwardja l-integrità tas-suq uniku tal-UE, u l-fatt li l-Gvern Brittaniku ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jissospendi l-ħidma fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq u li jippermettilu jiskadi. jinkoraġġixxi lill-Gvern Brittaniku jqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Irlanda ta' Fuq fi kwalunkwe liġi jew regolament ġdid li jipproponi li jintroduċi;

25. Jistieden lill-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, iżżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FKK u dwar l-iżviluppi rilevanti kollha tas-suq tas-servizzi finanzjarji, sabiex jiġu identifikati fil-ħin it-tfixkil potenzjali tas-suq u t-theddid għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur.

---

[18] Il-Gvern tal-Majjestà Tiegħu, "The Windsor Framework: A new way forward" (Il-Qafas ta' Windsor: Triq ġdida lejn is-suċċess), Frar 2023.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | <br><br>15.12.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 18.7.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 58<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Claude Gruffat, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Aurore Lalucq, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Costas Mavrides, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Dimitrios Papadimoulis, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Eva Maria Poptcheva, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli, Inese Vaidere, Stéphanie Yon-Courtin, Roberts Zīle |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marc Angel, Herbert Dorfmann, Bas Eickhout, Henrike Hahn, Chris MacManus, Ville Niinistö, Johan Nissinen, Erik Poulsen |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Deirdre Clune, Christian Doleschal, Kinga Gál, Gianna Gancia, Ska Keller, Liudas Mažylis, Maria Veronica Rossi, Günther Sidl, Stefania Zambelli |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 58 | + |
|---|---|
| ECR | Michiel Hoogeveen, Denis Nesci, Dorien Rookmaker, Roberts Zīle |
| ID | Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Gianna Gancia, Antonio Maria Rinaldi, Maria Veronica Rossi, Stefania Zambelli |
| NI | Kinga Gál |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Deirdre Clune, Christian Doleschal, Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Aušra Maldeikienė, Liudas Mažylis, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Inese Vaidere |
| Renew | Gilles Boyer, Engin Eroglu, Giuseppe Ferrandino, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Caroline Nagtegaal, Eva Maria Poptcheva, Erik Poulsen, Stéphanie Yon-Courtin |
| S&D | Marc Angel, Marek Belka, Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Aurore Lalucq, Pedro Marques, Costas Mavrides, Alfred Sant, Joachim Schuster, Günther Sidl, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli |
| The Left | José Gusmão, Chris MacManus, Dimitrios Papadimoulis |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Bas Eickhout, Claude Gruffat, Henrike Hahn, Ska Keller, Ville Niinistö, Kira Marie Peter-Hansen |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Johan Nissinen |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni